**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 11 ta' Diċembru 2019

Rikors Numru: 408/19 AL

**AB**

Vs

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrent li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi huwa żżewweġ f'ċerimonja reliġjuża fit-tmienja (8) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija disa' u disgħin (1999).
2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta'

separazzjoni personali ppublikat in atti tan-Nutar Dottor Clinton Bellizzi fis-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) (Kopja annessa Dok A).

3. Illi l-partijiet kellhom żewġt itfal minn dan iż-żwieġ- Daniel li illum għandu dsatax-il sena u Tara li għandha 14-il sena. Illi r-rikorrent jħallas manteniment regolarment skond it-termini tal-kuntratt ta' separazzjoni. Illi l-partijiet it-tnejn irrinunzjaw reċiprokament għad-dritt li jitolbu manteniment mingħand xulxin peress li t-tnejn jaħdmu.

4. Illi għaddew disa' snin mid-data ta' separazzjoni legali u ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

5. Illi jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-liġi għal ħalla taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara li ż-żwieġ tiegħu ma' Julie Vella Clark bħala maħlul u li l-partijiet huma divorzjati għal effetti kollha tal-liġi u biex jordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti  li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Settembru, 2019;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma pprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illiipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta' Settembru, 2010;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.